# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 6**

**Rikors numru 743/09JPG**

**Day to Day Limited (C 11791)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u b'digriet tat-3 ta' Novembru, 2014, korrezzjoni awtorizzata Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi għajr għal-ewwel eċċezzjoni,

ċaħdet it-talbiet tas-socjeta' attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' attriċi;

2. L-attriċi kienet ressqet talba taħt il-proċedura sommarja speċjali li fiha talbet li l-ewwel Qorti tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; issib li l-intimat huwa debitur tagħha fl-ammont ta' disgħa u sittin elf, mitejn u tmienja u tletin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 69,238.29) rappreżentanti rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta lilha mill-intimat u dan skond deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Appell Numru 593/97) ta' l-1 ta' April, 2003 u ammonti oħra kif fuq premess; u tikkundanna lill-intimat iħallasha l-imsemmi ammont. Talbet ukoll l-ispejjeż;

3. Fit-Tweġiba Maħlufa tiegħu, l-intimat laqa' billi qal li mkien fid-deċiżjoni msemmija tal-Bord tal-Appelli ma kien jingħad li huwa dovut dan l-ammont iżda li t-total tal-istimi għandu jinżel għal tlieta u għoxrin elf, tmien mija u dsatax-il lira Maltin (Lm23,819). Jgħid li lejn l-aħħar tas-sena 1998, sar akkwisit tan-negozju ta' Day-to-Day Limited mil-kumpannija Priceclub Operators Limited, b'dan li hija akkwistat ukoll il-krediti ta' l-istess kumpannija, u ladarba ż-żewġ kumpanniji aġixxew bħala waħda b'mod li waħda bdiet tmexxi lill-oħra, huwa kellu jedd iqis il-kreditu dovut lill-kumpannija attriċi bħala wieħed li għandu jitnaqqas mill-ammont dovut

lilu mill-kumpannija Priceclub Operators Limited. Seħaq li ladarba t-tmexxija tal-kumpannija attriċi hija waħda li ttantat tinganna, l-ammont mitlub minnha m'għandux jgħaddi għandha. Tenna li l-azzjoni kienet ukoll milquta minn kawża illeċita;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tal-5 ta' Frar, 2015, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi permezz tar-rikors guramentat intavolat nhar id-29 ta' Lulju 2009, is-socjeta' attrici qieghda titlob lil din l-Qorti sabiex tiddikjara u tikkundanna lill-Kummissarju konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €69,238.29 rapprezentanti rifuzjoni ta' taxxa fuq il-valur mizjud dovuta ai termini ta' sentenza tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tal-1 ta' April 2003 u ammonti ohra.*
>
> *"Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, taghraf illi b'ebda mod ma tista' tikkondivi mal-maggior parti tal-konkluzzjonijiet raggunti minnu, 'l ghaliex dawn mhumiex sorretti mill-fatti u huma legalment insostenibbli.*
>
> *"Illi jirrizulta mill-provi prodotti fil-kors tal-gbir tal-provi f'dawn il-proceduri illi minkejja li l-Kummissarju konvenut kien tassew hareg ghadd ta' cekkijiet intestati f'isem Day to Day Limited (Dok. MS2 sa MS5), dawn qatt ma ntbaghtu jew inghataw lis-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet li l-Kummissarju konvenut qajjem fir-risposta guramentata tieghu. Il-pern tal-kawza si tratta dwar l-korrettezza o meno tal-agir tal-Kummissarju konvenut, meta minflok irrifonda dak dovut lil Day to Day Limited, ittrasferixxa l-bilanc dovut lis-socjeta attrici ghal dak dovut mis-socjeta' Price Club (Operators) Limited.*
>
> *"Il-Qorti taghraf illi l-Kummissarji konvenut ressaq disa' eccezzjonijiet sabiex jiribatti it-talbiet tas-socjeta' attrici.*
>
> *"It-talba li tressqet mis-socjeta' attrici hija fondata fuq is-somma fl-ammont ta' €69,238.92 bhal dik dovuta "skond decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Appell Numru 593/97)... ...kif ukoll ammont dovut lill-kumpannija rikorrenti meta nqalbet is-sistema mis-CET ghal dik tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ammonti ohra, oltre l-imghaxijiet legali",*

*“Illi s-somma ta'€69,238.92 dovuta mill-Kummissarju giet konfermata mix-xhieda ta’ Joseph Sammut:*

> *"Illi ghalhekk nhar it-18 ta' Dicembru 2006 l-esponent ittrasferixxa l-bilanc dovut minnu (u cioe' disgha u sittin elf, mitejn u tmienja u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (Euro 69,238.29 ) lis-socjeta' rikorrenti. . . "*

*“Il-Qorti tqis illi s-somma reklamata mhijiex kontestata mill-partijiet.*

*“Il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-Akkwist minn Price Club (Operators) Limited ta' Day to Day Limited li jidher li huwa l-punt krucjali li fuqha tippernja l-kawza.*

*“X’kienet in-natura tal-akkwist minn Price Club (Operators) Limited ta' Day to Day Limited?*

*“Ghal fini ta’ cjarezza l-istruttura tal-Price Club Group kien is-segwenti :*

*“1. Priceclub (Operators) Limited*
*“2. Price Club Holdings Limited*
*“3. Price Club (Burmarrad) Limited*
*“4. Price Club (Birkirkara) Limited*
*“5. Price Club (Swatar) Limited*

*“Price Club (Burmarrad) Limited kellha bi propjeta' taghha assi immobbli f'Burmarrad, Price Club (Birkirkara) Limited kellha bi propjeta' taghha assi immobbli f'Birkirkara filwaqt li Price Club (Swatar) Limited kellha bi propjeta' taghha assi immobbli fis-Swatar. Price Club Operators Limited imbaghad kienet il-kumpannija li kienet effettivament tiggestixxi n-negozju ta' supermarkets u oltre milli kienet il-kumpannija li tixtri u tbiegh stocks varji, din il-kummpanija kienet ukoll tikri diversi fondi immobiljari kemm minghand kummpanniji ohra fi hdan il-grupp, u cioe Price Club (Burmarrad), Price Club (Birkirkara) u Price Club (Swatar) u kif ukoll minghand terzi, minn liema fondi kienet tiggestixxi n-negozju. Price Club Holdings Limited kienet isservi l-funzjoni ta' holding company tal-grupp.*

*“Day to Day Limited mill-banda l-ohra kienet kumpannija li kienet tezisti* ***qabel*** *gie kostitwit il-group Price Club, tant illi* ***jista' jinghad illi l-grupp Price Club isib il-bidu tieghu f'Day-to-Day*** *li kienet tiggestixxi supermarket f'Birkirkara bl-isem ta' Day to Day* ***u aktar tard iehor f'Rahal Gdid bl-isem ta' Carters****. Il-proprjeta immobiljari li minnha kien jigi gestit in-negozju ta' Day to Day Limited f'Birkirkara kienet proprjeta' ta' Taormina Holdings Limited, liema proprjeta' sussegwentement giet trasferita lis-socjeta' Price*

*Club (Birkirkara) Limited. Il-beneficcjarji ahharija ta' Day to Day Limited u Taormina Holdings Limited kienu l-familja Gauci.*

*"Fl-affidavit tieghu, Christopher Gauci isostni bil-gurament:*

> ***"Nichad kategorikament dak illi qieghed jghid il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-risposta mahlufa tieghu peress illi l-ftehim fis-sens illi l-kumpannija Day to Day Limited assenjat jew cediet il-kreditu dovut lilha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lill-kumpannija Price Club (Operators) Limited qatt ma sar u ghalhekk dan il-kreditu ghadu jappartjeni lill-kumpannija Day to Day Limited"***

*"Illi mix-xhieda ta' Maryanne Schembri a fol. 238 et seq., jirrizulta illi l-Kummissarju wasal ghal-konkluzjonijiet tieghu skond* ***r-rapport ta' Karen Spiteri Bailey*** *konkluz f'Settembru 2001 u skond ir-rapport tal-accountants tal-kumpanija James Hili u l-financial controller David DeMarco.*

*"Fir-rapport ta' Karen Spiteri Bailery (Dok. VAT1) inghad :*

> ***"the company decided to <u>amalgamate</u> (Enfasi mizjuda) with another chain of supermarkets known as "Price Club Operators Limited"***

*"James Hili fix-xhieda a fol. 260 et seq., xhed illi huwa kien fil-fatt l-accountant fi Price Club (Operators) Limited u li meta ltaqa' ma' Karen Spiteri Bailey kienu ddisuktew Price Club (Operators) Limited u mhux Day to Day Limited filwaqt li jzid jghid illi :*

> ***"fuq il-kwstjoni ta' amalgazzjoni nghid illi fil-fatt qatt ma saret amalgamazzioni ta' Price Club (Operators) Limited u Day to Day Limited tant illi dawn baqghu jezistu bhala zewg entitajiet separati...***
>
> ***"...Ir-relazzjoni bejn iz-zewg kumpanniji kienet illi f'xi zmien Price Club Operators Limited hadet minghand Day to Day il-kirja ta' Carters u l-fixtures u stock ta' Valley Road"***

*"Fix-xhieda tieghu James Hili zied jghid illi s-supermarket ta' Birkirkara kien propjeta' ta' Taormina Holdings Limited u li dan ma giex akkwistat minn Price Club (Birkirkara) Limited.; li ma jidhirlux li kien hemm xi ftehim formali dwar it-trasferiment ta' fixtures u*

*stock; u li l-prezz ghall-istock u l-fixtures li Day to Day Limited trasferiet lil Price Club (Operators) Limited kienu qed jithallsu mill-bejgh li kienet qeghda taghmel Price Club (Operators) Limited, waqt li l-kredituri ta' Day to Day kienu qeghdin jithallsu minn dawn il-flus, u cioe minn hlasijiet li Price Club (Operators) Limited kienet qeghda taghmel lil Day to Day Limited.*

*"Hili xehed illi* ***"ahna ma indhalniex fil-kwistjonijiet dwar krediti li kellha tigbor Day to Day Limited minghand terzi."****- Vide fol. 261*

*"Marcel Pizzuto, ghall-Ufficju tal-Kompettizjoni Gusta, a fol. 897, prodott mill-Kummissarju konvenut xehed li b'referenza ghal-Dok. KB4 formanti parti minn Dok. KVAT1. Mistoqsi jekk l-merger regulations kienux ikopru sitwazzjoni fejn kumpannija zghira takkwista kumpannija akbar minnha, Pizzuto rrisponda li l-ligi dak iz-zmien ma kienitx tkopri tali sitwazzjoni:* ***"ma niftakarx li Price Club ipprezenta agreement f'dan is-sens. Anzi nghid li ma jidirlix li kien pprezenta agreement simili peress li ma kien hemm ebda obbligu bil-ligi. Jien kull ma naf li dak iz-zmien Day to Day kienet ser tixtri il-Price Club"****- Vide fol. 897.*

*"Raphel Aloisio a fol. 900, ikkonferma Dok. KB1 a fol. 415 et seq. Mistoqsi x'ried ifisser bil-kliem:*

> ***"all the operational activites assets and liabilities of Day to Day Limited will be transferred to Price Club Operators Limited"***
>
> *"Aloisio ikkonferma illi:*
>
> ***"nghid illi l-operations ta' Day to Day Birkirkara u Carters Paola kienu, inkluzi operational activites, assets and liabilities, ser jigu trasferiti u ohrajn li ma humiex definiti bhala operational activities, assets u liabilities kienu ser jkunu eskluzi mit-trasferiment"***

*"Aloisio xehed illi qatt ma gie a konoxxenza tieghu, il-kuntratt ta'akkwist ta' Day to Day; ikkonferma li l-operating assets "gew definittivament" trasferiti minn Day to Day lil Price Club Operators, waqt li Price Club Operators kienet hallset lil kredituri ta' Day to Day Limited* ***"minghajr ma gew trasferiti fizikament"*** *– Vide fol. 900.*

*"Mix-xhieda tal-Professur Andrew Muscat a fol. 904, jirrizulta illi huwa kellu laqghat ma' Marcel Pizzuto fir-rigward ta' akkwist minghand Frans Gauci (cioe' li tramite tieghu kien gie akkwistat n-*

*negozju u li kien jigi gestit taht l-isem ta' Price Club) u jghid ukoll, illi s-supermarket bl-isem ta' Day to Day, kien ser jifforma parti minn dan il-grupp wara restructuring, izda ma jaghti l-ebda dettalji ohra. Professur Muscat, kif kien obbliga ruhu, pprezenta kopja ta' ftehim minn fejn jirrizulta illi l-ewwel negozjati ma Frans Gauci* ***kienu saru ma' Day to Day Limited****, tant illi kien sar konvenju ma' Day u Day Limited u anke thallas depozitu.*

*"Mill-affidavit ta' Giosue Gauci (Dok. Day to Day Limited 2), jsostni illi qatt ma kien hemm traferiment ta' negozju jew avvjament u lanqas cessjoni jew assenjazzjoni ta' krediti dovuti lill-kumpanijja Day to Day Limited, u afferma :*

> ***"Il-kumpannija Price Club (Operators) Limited kienet hadet minghad il-kumpannija Taormina Holdings Limited il-kirja ta' l-istess stabbiliment"***

*"(cioe' s-supermarket f'Valley Road, Birkirkara. Hekk dejjem kienet l-intenzjoni, kif huwa konfermat bid-dokument KB1 (formanti parti minn Dok. KVAT1) intitolat Aquisition of Day to Day and Carters Supermarket, taht it-titolu* ***"Aquisition Process"*** *Ara wkoll fol.2 Dok. KBA3. Ghalkemm il-kuntratt mhuwiex esebit fin-nota ta' l-istralcjarju (Dok. KBA2, par. 2.14.5) l-att pubbliku relattiv gie ippublikat fil-15 ta'Marzu 1999 kif konfermat minn  Chris Gauci li jghid li dan kien ippublikat minn Nutar Dr. Clive La Rosa (Dok. KBA6 fol.10).*

*"Ta' portata sostanzjali huwa d-dokument intitolat* ***Acquisition of Day to Day and Carters Supermarkets*** *(Dok. KB1 formanti parti minn Dok. KVAT1). F'dan id-dokument jinghad testwalment :*

> ***"The Price Club Group of Companies is currently in the process of formally taking over the business, assets and liabilities of the Day to Day and Carter Supermarkets:***
>
> - ***The freehold property currently owned by Taormina Holdings Limited, which houses the Day to Day Supermarket and its overlying offices;***
>
> - ***the operational acitivies currently undertaken by Day to Day Limited, namely***
>
> • ***Day to Day Supermarket - B'Kara;***
> • ***Carters Supermarket - Paola;***
> • ***all other business interests***

> - ***all operational assets and liabilities of Day to Day Limited relating to the above, including the leasehold of the premises which houses Carters Supermarket.****(a fol. 421)*

*"Il-process t'akkwist gie wkoll stabbilit f'dan id-dokument, u li minn dak li jirrizulta mill-provi f'aspetti minnu sehh fir-realta, bhal per ezempju t-trasferiment ghal prezz ta' Lm2 miljuni u t-trasferiment tal-propjeta' f'kumpannija li jkollha l-isem ta' Price Club (B'Kara) Limited. Parti mill-process kien jinvolvi :*

> ***"All operational activities, assets and liabilities of Day to Day Ltd. will be transferred to Price Club Operators Ltd ... (omissis) ...***
>
> *"Financing*
>
> ***"The business, assets and liabilities of Day to Day Limited will be acquired by Price Club Operators Limited"***

"*L-istralcjarju Dr. Andrew Borg Cardona f' Dok. KBA), jirreferi ghal* ***"<u>fuzjoni operattiva</u>"*** *u* ***"<u>ghaqda</u>"****(Vide par. 2.14.3 u par 2.14.4) u josserva wkoll diskrepanza fil-verzjonijiet tad-diretturi ta' Price Club (Operators) Limited f'dan ir-rigward (Vide par 2.14.6 et seq) .*

*"Christopher Gauci ghamel referenza ghall-"***goodwill"** *value tas-supermarket ta' Birkirkara (ara Dok. KBA5 fol.5) u anke jghid li saret* **"merger operattiva"** *fuq suggeriment li sar lilu (Dok. KBA6 fol.3) filwaqt li fl-istess xhud jirreferi ghall***-"take-over"** *(Ara Dok. KBA6 fol.9 u korrezzjoni Dok. KBA5 fol.1) li biha kien qed jifhem :*

> *"l-arrangament mal-Price Club li konna ha naslu ghalih kien illi* **dina tinbiegh b'assets u l-liabilities taghha kollha** *jigifieri ahna min naha tad-diretturi dak iz-zmien tad-***Day to Day Limited dina kienet is-soluzzjoni ghal din il-kumpanija li imbaghad ghalhekk waqfet topera u dak kien l-iskop taghha dak iz-zmien"**
>
> *"Iiema deposizzjoni jikkwalifika hekk :*
>
> *"l-Price Club tiehdu over l-assets li kienu relatati mas-supermarket u l-liabilities li kienu relatati mas-supermarket " (Vide Dok KBA fol.10)*

*“F'affidavit iehor tiegħu Christopher Gauci jerga’ jsostni illi l-pjan kien mill-bidu illi :*

> ***"Price Club (Operators) Limited tieħu l-istokk, il-kredituri u d-dejn li kien hemm mal-bank, kif fil-fatt sar fl-1999"*** *(ara wkoll xhieda 28 ta' Frar 2012 fejn jispjega f’termini marġinali f’hiex kien jikkonsisti l-**"merger operattiv")***

*“Victor Zammit irrefera għal din it-transazzjoni bħala **"amalgamazzjoni"** (Dok. KB8 fol.25) .*

*“George Catania (Seduta 8 ta’ Novembru 2010), li fiż-żmien kien jokkupa kariga fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ma jagħmel l-ebda referenza għar-relazzjoni ġuridika jew in-natura tal-ftehim li sar bejn Price Club (Operators) Limited u Day to Day Limited izda jgħid illi huwa kien talab il-parir ta' l-Avukat Ġenerali li kien tal-parir illi peress illi d-diretturi ta' Price Club (Operators) Limited u Day to Day Limited kienu l-istess, ir-rifużjoni kellha tiġi miżmuma sakemm il-kwistjoni tal-Price Club tiġi riżolta.*

*“**Ikkonsidrat:***

*“Din il-Qorti wara li ħadet konjizzjoni tas-sentenzi kollha ta’ dawn il-Qrati eżebiti f’dawn l-atti, b’mod speċjali għal fil. 27, fol. 30, fol. 31, fol. 4 u 5 tas-sentenza mogħtija nhar it-**12 t’Ottubru 2007** mill-Qorti Ċivili, Prim Awla (Onor. Imħallef Tonio Mallia) fil-kawża (appellata) fl-ismijiet **Dr. Andrew Borg Cardona bħala stralcjarju għan-nom u in rappreżentanza ta’ Priceclub Operators Limited vs. Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallance Fino** – Rikors Numru 27/2003, kif ukoll ix-xhieda kollha prodotta mill-partijiet hija tal-fehma li l-intenzjoni vera u proprja ta’ Price Club Operators u Day to Day Limited, kienet li Price Club Operators tissokta fil-process formali ta’ “taking over the business, assets and liabilities of the Day to Day and Carter Supermarket.” – Vide fol. 421 ta’ Dok. KB1 (a fol. 415). Dan il-process kien ser jinvolvli l-akkwist tal-proprjeta’ kollha ta’ Taormina Holdings Limited inkluż Day top Day Supermarket u l-uffiċini sovrastanti, **u kien jinkludi**:*

> ***“the operational activities currently undertaken <u>by Day to Day Limited</u> namely :***
>
> > ***Day to Day Supermarket Birkirkara;***
> > ***Carters Supermarket Paola;***
> > ***<u>All other business interests</u> ;***
>
> ***<u>All the operational assets and liabilities of Day to Day Limited</u> relating to***

> ***the above, including leasehold premises which houses Carters Supermarket"***
> *(Enfasi ta' din il-Qorti) Vide fol. 421.*

> *"Di piu a fol. 422 fejn l-Aquisition Process jittratta l-istruttura tal-proposed acquisition, Artikolu 5 jinkludi:*

> ***"5. <u>All the operational activities, assets and liabilites of Day to Day Limited will be transfered to Price Club operators Limited"</u>***
> *(Enfasi ta' din il-Qorti) -Vide fol. 422*

> *"Illi in vista ta' dana kollu din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Price Club Operators Limited akkwistat n-**negozju shih** ta' Day to Day Limited. Dan ovvjament jinkludi l-**assets** u l-**liabilities** kollha minghajr eccezzjoni. Isegwi ghaldaqstant li d-decizjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa illi jirrifjuta r-refuzjoni tal-kumpanija attrici, kienet wahda korretta u skond il-ligi.*

> *"Kwalunkwe decizjoni ohra, fid-dawl tas-sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati, ezebiti f'dan il-process tammonta ghal-skapricc tal-kredituri, (fosthom l-intimat) ta' Price Club Operators li akkwistat is-socjeta' rikorrenti."*;

5. Illi l-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-30 ta' Marzu, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tagħha u tibdel, tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju appellat u in kwantu ċaħdet l-ewwel talba tagħha sabiex il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat u tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

6. Illi permezz ta' Risposta mressqa mill-appellat fl-20 ta' April, 2015, huwa warrab l-aggravji kollha tal-appellanti w saħaq li s-sentenza

appellata hija tajba u li din il-Qorti jmissha tikkonfermaha għal kollox u tiċħad l-appell mressqa minnha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

7. Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-9 ta' Ġunju, 2020, li biha qalu li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x'jagħmlu u li kienu joqogħdu fuq dak li joħroġ mill-atti miktuba;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2020, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi l-azzjoni attriċi tirrigwarda pretensjoni ta' rifużjoni għal ħlas miġbur żejjed ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud li sar mill-appellanti bejn Jannar 1995 u Ottubru 1996. Mhux kontestat li l-appellanti ħalset dan l-ammont żejjed[1], kif fil-fatt jirriżulta mis-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud tal-1 ta' April, 2003[2]. Dan minkejja li fl-Ittra Uffiċjali tat-13 ta' Frar, 2008, bi tweġiba għal dik tal-appellanti tal-1 ta'

[1] Ara x-xhieda ta' Charles Vella f'paġ. 234 tal-proċess. L-ewwel Qorti sabet li l-ammont reklamat mhux kontestat (paġ 9 tas-sentenza appellata), filwaqt li fit-Tweġiba tal-Appell l-appellat Kummissarju tat-Taxxi, jitlob il-konferma tas-sentenza appellata "fl-intier tagħha" (paġ. 1033 tal-proċess)
[2] Paġġ. 7 u 8 tal-proċess

Frar, 2008, l-appellat jgħid li l-ammont mhux dovut[3]. Il-kontestazzjoni prinċipali bejn il-partijiet f'dan l-appell hija jekk l-appellat kellux jedd ipaċi dan l-ammont ma' dak dovut lilu mill-kumpannija Priceclub (Operators) Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "POL") billi, fi kliem l-istess appellat, din tal-aħħar amalgamat mal-appellanti u t-tnejn qed jaġixxu bħala ħaġa waħda;

11. Illi l-aggravji mqajma mill-appellanti mis-sentenza appellata huma għaxra iżda jistgħu jinġabru taħt żewġt irjus ewlenin: l-ewwel, li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi kif ukoll tal-prinċipji legali billi mill-atti ma jirriżultax li POL akkwistat in-negozju sħiħ tal-appellanti. Tgħid ukoll li l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-appellat (għajr għall-ewwel eċċezzjoni) mingħajr ma għamlet referenza għalihom (minn issa 'l hemm imsejħa l-'ewwel aggravju'); it-tieni, il-kreditu dovut lilha flimkien mal-imgħaxijiet ġie ppruvat kif imiss u t-talbiet attriċi kif ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Legali kellhom jintlaqgħu (minn issa 'l hemm imsejjaħ 'it-tieni aggravju');

12. Illi għal dawn l-aggravji, l-appellat jgħid li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-fatti meta sabet li POL akkwistat in-negozju kollu tal-appellanti, bl-avjament u bil-krediti tal-appellanti, dan għaliex ma setgħet tassumi biss id-debiti u l-assi kollha filwaqt li l-appellanti żżomm

[3] Paġ. 22 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Charles Vella f'paġ. 234 bħala x'wassal biex ingħatat dik it-tweġiba.

il-krediti. Jisħaq li ebda kreditu ma hu dovut, wisq anqas l-imgħaxijiet. Jgħid ukoll li l-ewwel Qorti għamlet tajjeb meta warrbet ir-relazzjoni tal-perit legali, u għaldaqstant is-sentenza appellata għandha tiġi konfermata;

13. Illi fir-rigward ta' **l-ewwel aggravju**, l-appellanti tqis li l-ewwel Qorti fasslet il-konklużjoni tagħha billi qabdet ma' siltiet minn provi u warrbet l-eżerċizzju mirqum li sar mill-perit minnha maħtur u li fela b'reqqa l-provi kollha mressqa quddiemu u l-prinċipji tad-dritt li jirrigwardawhom. L-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ma fissritx għaliex ma qagħditx mal-fehmiet tal-perit, minkejja li dan setgħet tagħmlu jekk turi għal liema raġunijiet dehrilha li kienet se timxi mod ieħor. L-appellanti tilminta li l-azzjoni tagħha – li kienet waħda sempliċi ta' kanoniżżazzjoni ta' kreditu – inbidlet f'waħda ta' eżerċizzju ta' stħarriġ ta' ħwejjeġ oħra (kemm fattwali u kif ukoll legali) li ma kinux meħtieġa għas-soluzzjoni tal-vertenza u liema eżerċizzju tnissel mill-mod kif l-appellat fassal it-Tweġiba Maħlufa tiegħu biex jikkontesta t-talbiet attriċi, meta espressament kien jaqbel li l-kreditu mitlub minnha kien tabilħaqq dovut. Hija tfisser fit-tul ukoll għaliex il-konklużjonijiet milħuqa mill-ewwel Qorti dwar jekk POL kinitx tassew kisbet in-negozju sħiħ tal-istess appellanti ma kinux mistħoqqa u ma misshomx wasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet tagħha;

14. Illi l-Qorti tibda biex tosserva li, mad-daqqa t'għajn, dan l-aggravju b'bosta fergħat jistedinha li tidħol f'apprezzament mill-ġdid tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti. Madankollu, dan mhuwiex il-każ, għaliex tagħraf li, fil-qofol tiegħu, l-aggravju jitlob li din il-Qorti tqis jekk il-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti kinux tabilħaqq jindirizzaw il-kwestjoni li kellha quddiemha. Minkejja li t-tfassil tal-att promotur tal-azzjoni attriċi huwa wieħed għal kollox sempliċi u jikkonsisti f'talba għar-rifużjoni ta' flejjes imħallsa żejda (saħansitra l-kawża tressqet bil-proċedura sommarja speċjali għall-finijiet tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12), mill-atti jirriżulta li tul is-smigħ tal-kawża, il-partijiet intilfu jressqu xhieda u provi dokumentali oħra sabiex ixejnu (fil-każ ta' l-appellanti) jew isaħħu (fil-każ tal-appellat) id-difiża ewlenija mressqa mill-appellat: jiġifieri dik li kellu l-jedd li jżomm milli jħallas lura lill-appellanti t-taxxa żejda mħallsa minnha, biex tagħmel tajjeb għat-taxxa li kellha tħallsu POL. L-appellat sejjes din id-difiża fuq l-għamla tal-akkwist minn POL tal-kumpannija appellanti li jingħad li seħħet fis-sena 1998;

15. Illi l-perit legali maħtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha mexa bl-istess mod. L-ewwel Qorti wkoll imxiet ma' din ix-xejra meta fasslet is-sentenza appellata. Bil-fehma li jqis il-kwestjonijiet li tressqu quddiemu mill-partijiet, il-perit legali, wara li għamel eżami bir-reqqa tal-fatti u punti legali marbuta mal-akkwist tal-appellanti minn POL, wasal għall-fehma li fis-sena 1998 POL ma kisbitx in-negozju kollu tal-appellanti, iżda biss

aspetti minnu[4]. Min-naħa l-oħra, l-ewwel Qorti ma qagħditx fuq il-fehma tal-perit maħtur minnha u sabet li POL kisbet in-negozju kollu tal-appellanti. Jidher li dak li wassal lill-ewwel Qorti biex għamlet dan kienet sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'każ ieħor marbut ma' POL (azzjoni ta' responsabbiltà għal kummerċ bi frodi)[5] imma li l-appellanti ma kinitx parti fiha;

16. Illi l-Qorti tagħraf li meta titressaq azzjoni quddiem qorti, is-sentenza għandha tqis it-talbiet li jkunu sarulha u tiddeċiedi dwarhom u mhux lil hinn minnhom. Dan, fejn ikun il-każ, irid isir b'qies ukoll tal-eċċezzjonijiet li jitressqu għal dawk it-talbiet. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma kinitx saret azzjoni rikonvenzjonali, u s-sentenza appellata ċaħdet it-talbiet attriċi (t-tieni u t-tielet talbiet) fuq is-saħħa ta' waħda mill-eċċezzjonijiet li kienet, essenzjalment, l-eċċezzjoni tat-tpaċija. It-tieni talba tal-attriċi appellanti dwar ir-rifużjoni ta' taxxa dovuta lilha mill-appellat, trid titqies fiż-żmien meta ġew imħejjija l-istejjem mill-appellat. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' l-1 ta' April, 2003, sabet li l-istejjem li nħarġu mill-appellat għas-snin 1995 u 1996 kellhom jitnaqqsu b'ammont determinat;

---

[4] Ara r-rapport tal-Perit Legali L-Avukat Dr Marco A. Ciliberti f'paġġ. 196 sa 233 tal-proċess

[5] P.A. TM **12.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Andrew Borġ Cardona noe vs Victor Żammit et*** (Ċitazz. Nru. 27/03) (Konfermata minn din il-Qorti fl-**14.5.2010**)

17. Illi l-Qorti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew, tqis li ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt li t-talbiet attriċi f'din il-kawża huma marbuta ma rifużjoni ta' flejjes li kienu tħallsu lill-appellat mill-appellanti fi żmien (1995-1996) meta hija kienet tmexxi n-negozju tagħha għal rasha u taħt isimha[6], u meta POL lanqas biss kienet għadha twaqqfet (fil-fatt twaqqfet f'Marzu tal-1998)[7]. Min-naħa l-oħra, l-eċċezzjonijiet li l-appellat qajjem għall-azzjoni attriċi jirreferu għal ċirkostanzi li huwa nnifsu jgħid li ġraw wara dawk is-snin. Dan il-punt taċċenna għalih ukoll l-appellanti fl-ewwel aggravju tagħha meta tgħid li s-"*sorte*" mitlub jippreċedi ż-żmien meta hija daħlet f'arranġament ta' negozju ma' POL[8]. Huwa f'dan il-qafas li din il-Qorti ssib li l-proċess tas-smigħ tal-provi quddiem l-ewwel Qorti ħa bixra li telfet lill-ewwel Qorti milli tiffoka fuq dak li kienet meħtieġa tistħarreġ u wassal biex il-kawża tgħabbiet b'volumi ta' xhieda u dokumenti li l-ħtieġa tagħhom kienet dubjuża;

18. Illi l-ewwel Qorti qieset bħala "l-punt kruċjali li fuqha tippernja l-kawża" il-kwestjoni tal-"Akkwist minn Price Club (Operators) Limited ta' Day to Day Limited". Biex waslet għall-fehma tagħha li POL kienet tabilħaqq kisbet lill-kumpannija appellanti, dik il-Qorti qagħdet fuq bosta xhieda u dokumenti li jsemmu l-amalgamazzjoni billi POL tikseb in-negozju tal-appellanti. Minbarra li din il-Qorti, meta fliet il-provi mressqa,

[6] Ara paġġ. 433 sa 438 tal-proċess
[7] Dok "KB3", f'paġ. 522 tal-proċess
[8] Ara paragrafu 4.3.3.2 tar-Rikors ta' l-Appell tal-Kumpannija appellanti Day-to-Day Limited

sabet provi li juru li l-amalgamazzjoni kien proġett li baqa' ma seħħx, jew li, jekk saru xi trasferimenti, ma kinux juru inekwivokabilment ċar x'kien dak li nkiseb u kif, jidher li l-arranġament kien maħsub li jkun wieħed b'għaqda b'akkwist[9]. Dan ifisser ukoll għaliex l-appellanti baqgħet ma kinitx xolta[10] u lanqas intwera li nħalqet xi kumpannija oħra b'isem ġdid. Formalment, ukoll, ma ntweriex b'xi prova li toħroġ mill-atti tal-kawża li l-appellanti kisbet xi ishma f'POL meta din suppost kisbitha b'kollox u liema ċirkostanza hija meħtieġa mil-liġi[11] (ukoll jekk, flimkien mal-ishma, jitħallas xi korrispettiv fi flus) biex jista' jingħad li seħħet l-amalgamazzjoni. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li l-appellanti ma waqfitx teżisti, liema ċirkostanza kienet tkun il-konsegwenza ta' amalgamazzjoni b'għaqda b'akkwist[12]. Fin-nuqqas ta' dawn l-elementi, din il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-fehma tal-ewwel Qorti li POL tabilħaqq kisbet in-negozju tal-appellanti, b'mod li din u POL saru ħaġa waħda. Tqis ukoll li, minkejja li l-appellanti kellha konnessjonijiet mill-qrib ma' POL wara l-1998 u bis-saħħa tar-regola li sentenza toħloq stat bejn u torbot biss lill-partijiet[13], din il-Qorti m'għandhiex tħossha marbuta mal-kunsiderazzjonijiet li setgħu saru f'kawżi oħrajn li jolqtu lil POL jew l-azzjonisti tal-varji kumpanniji li jaqgħu taħthom u li fihom l-appellanti ma kinitx parti;

---

[9] Art. 343(1)(a) tal-Kap 386
[10] Art. 343(4) tal-Kap 386
[11] Art. 343(2) tal-Kap 386
[12] Art. 354(1)(ċ) tal-Kap 386
[13] Art. 237 tal-Kap. 12. Ara wkoll App Inf (PS) **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Kontrollur tad-Dwana vs Philip Agius and Sons Ltd.***

19. Illi, fit-tieni lok, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti naqset għal kollox milli tqis jekk kemm-il darba l-eċċezzjoni ta' tpaċija li qajjem l-appellat kinitx tajba biex twassal għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi. Ladarba l-appellant ressaq dik id-difiża, ma setax ma jistenniex li kien jaqa' fuqu l-piż li jipprova dak minnu allegat;

20. Illi, lil hinn minn dan, il-Qorti tqis li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja[14] u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Minbarra dan, meta parti f'kawża tressaq id-difiża tat-tpaċija, jaqa' fuqha l-piż li tipprova l-kreditu maħsub li joqtol il-kreditu tal-parti attriċi, bħalma jiġri meta l-parti mħarrka teċepixxi l-ħlas;

21. Illi t-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi kif tispiċċa obbligazzjoni[15]. It-tpaċija sseħħ meta tnejn min-nies ikunu debituri lejn xulxin[16], u sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu **żewġt idjun fi żmien wieħed** joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs[17]. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, "*i debiti si estinguono non dal giorno della*

[14] P.A. **3.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri et vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.128**)
[15] Art. 1145(d) tal-Kap 16
[16] Art. 1196(1) tal-Kap 16
[17] Art. 1196(2) tal-Kap 16

*sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge...*"[18];

22. Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt[19]. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;

23. Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha[20]. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantità; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu[21];

---

[18] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9ª Ediz.), par 246, paġ. 415
[19] Caruana-Galizia *Notes on Civil Law : Obligations*, paġ. 365
[20] Kumm.**26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235)**
[21] Art 1197 tal-Kap 16

24. Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*". Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorità interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioé in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico*"[22];

25. Illi meta l-Qorti tqis iċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ li għandha quddiemha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li għadhom kemm issemmew, joħroġ ċar li jonqsu bosta mill-elementi mitluba mil-liġi biex jirriżulta li tassew seħħet it-tpaċija li setgħet twassal li s-somma dovuta lill-appellanti setgħet tittieħed biex taqta' dejn (jew parti minnu) li l-appellat kellu kontra POL. Kif sewwa targumenta l-appellanti, l-appellat ma kellu l-ebda setgħa fil-liġi li tagħtih il-jedd ipaċi xi kreditu dovut minnu jekk mhux kontra xi debitu dovut mill-istess persuna li lilha dak il-kreditu jkun minnu dovut[23]. Minbarra dan, l-appellat jgħid li t-tpaċija tal-kreditu dovut lill-appellanti mad-dejn ta' POL għamilha f'Diċembru tal-2006[24], jiġifieri

---

[22] Pescatore e Ruperto <u>Codice Civile Annotato</u> , paġ. 1164
[23] Art. 68(2) tal-Kap 406
[24] Ara Dok "KBA1", f'paġ. 370 tal-proċess

madwar tliet (3) snin wara li kien diġà ħareġ ħames (5) *cheques* tar-rifużjoni[25] b'import tas-somma mitluba mill-appellanti f'din il-kawża, u dan meta lanqas kienet għadha ngħatat is-sentenza li fuqha jsejjes il-jedd tiegħu biex jagħmel tali tpaċija. Lanqas ma ħareġ jew intwera li l-appellanti kienet assenjat jew ċediet favur POL bil-mod mitlub mil-liġi[26] il-kreditu li hija kellha kontra l-appellat u liema kreditu huwa l-mertu tal-azzjoni tallum;

26. Illi, fit-tielet lok, safejn l-ewwel aggravju jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet id-disa' eċċezzjoni tal-appellat (li tgħid li l-kawża kienet milquta minn kawża illeċita) din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa mistħoqq. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ma qisitx espressament din l-eċċezzjoni. Li kieku qisitha u sabet li kienet mistħoqqa, ma kienx ikollha għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni tal-effett tal-kisba tal-appellanti min-naħa ta' POL. Iżda l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni, bħalma laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat għajr l-ewwel waħda;

27. Illi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellat jallega li t-talbiet attriċi jissejsu fuq kawża illeċita meta dawn espressament tressqu b'riżultat ta' deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Ta' min jgħid li dik kienet deċiżjoni fi proċedura li fiha l-appellat innifsu kien parti u li matulha d-Dipartiment rappreżentat minnu "iddikjara li huwa

[25] Dokti "MS1" sa "MS5", f'paġġ. 242 – 6 tal-proċess
[26] Artt. 1469 u 1470(1) tal-Kap 16

mhux ser jikkontesta l-argumenti ta' l-appellant[27]". Dan kollu jixhed kemm dik l-eċċezzjoni kienet barra minn postha u ma setgħet qatt titqies tajba sakemm biha l-appellat ma jridx jgħid li deċiżjoni ta' Bord statutorju kostitwit imissha titqies bħala xiħaġa li tmur kontra l-għemil xieraq jew l-ordni pubbliku[28];

28. Illi, wara li qieset dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-aggravju tal-appellanti huwa tajjeb u ngħataw raġunijiet tajba għaliex l-appell tagħha jistħoqqlu jintlaqa';

29. Illi għalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn, għall-kompletezza se tqis ukoll i**t-tieni aggravju**, li bih l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tagħha fis-somma kollha mitluba flimkien mal-imgħaxijiet. Il-Qorti tqis li minkejja li l-appellanti daħlet f'negozju ma' POL fis-snin ta' wara dawk li dwarhom ingħatat id-deċiżjoni mill-Bord, f'din il-kawża hija mexxiet f'isimha. Mill-atti jirriżulta li l-appellanti għadha tidher reġistrata mar-Reġistru tal-Kumpanniji[29], u l-appellat ma qajjem l-ebda eċċezzjoni biex jattakka l-leġittimazzjoni attiva tagħha f'din il-kawża. Min-naħa l-oħra, l-ewwel Qorti għarfet li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar is-somma dovuta mill-intimat appellat;

[27] Riferenza għall-appellanti f'din il-kawża ara Dok "DTD1", f'paġ. 8 tal-proċess
[28] Art. 990 tal-Kap 16
[29] Paġ. 301 u 315 tal-proċess

30. Illi ladarba jirriżulta li l-ammont pretiż mill-appellanti f'din il-kawża tħallas minnha lill-appellat meta ma kienx dovut, il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kellha ssib li l-appellat ma setax jirrifjuta li jirrifondi lura lill-appellanti t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud żejda li kienet tħallset. Għalhekk, la ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-appellat kellu jibqa' jiċħad it-talba, din il-Qorti tqis li l-ammont pretiż taħt it-tieni talba attriċi għandu jintraddu lura lill-appellanti;

31. Illi l-appellanti ressqet sottomissjoni li l-Qorti jmissha tikkundanna lill-appellat li jħallas l-imgħax dovut fuq il-kreditu mertu tal-kawża b'lura minn dakinhar li ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell[30]. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Fl-ewwel lok, u kif sewwa sab il-perit legali maħtur mill-ewwel Qorti, il-Bord ma kienx ikkanonizża s-somma tar-rifużjoni dovuta lill-appellanti. Minbarra dan, jidher li s-"*sorte*" tat-tieni talba attriċi f'din il-kawża mhuwiex limitat għall-kreditu li dwaru l-imsemmi Bord kien qies l-appell tal-appellanti. Fit-tieni lok, jidher ċar li l-importi tal-ħames *cheques* li d-Dipartiment kien diġà ħareġ biex jintbagħtu lill-appellanti, kienu jgħoddu fihom l-imgħax miġmugħ, kif wieħed jista' jara b'mod ċar fuq in-naħa ta' wara ta' kull wieħed mill-imsemmija dokumenti. Minħabba f'hekk, il-Qorti tqis li l-imgħax legali fuq is-somma mitluba fit-tieni u t-tielet talbiet attriċi għandu jibda għaddej minn dakinhar li l-appellat laqa' n-notifika tal-att ġudizzjarju

[30] Fuq is-saħħa tal-art. 69(3) tal-Kap 406

(ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar, 2008) li formalment talab il-ħlas ta' somma speċifika;

32. Illi l-appellanti titlob ukoll li din il-Qorti tilqa' l-fehmiet imfissra fir-relazzjoni tal-Perit Legali f'dan ir-rigward[31]. Il-Qorti tqis li l-kunsiderazzjonijiet li għamlet f'din is-sentenza huma biżżejjed biex jindirizzaw dan l-aggravju bla ħtieġa li ssir xi dikjarazzjoni formali ta' ratifika ta' dak li tniżżel fir-rapport peritali;

33. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li t-tieni aggravju huwa mistħoqq ukoll u sejjer jintlaqa' fil-limitazzjonijiet mogħtija taħt il-paragrafu ta' qabel dan;

***Decide:***

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell tal-kumpannija attriċi** billi timmodifika s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat u fejn ċaħdet l-ewwel talba attriċi, tħassarha fil-bqija billi tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, u tiċħad l-

[31] Rapport peritali f'paġ. 204 tal-proċess

eċċezzjonijiet tal-intimat, **bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-intimat appellat u bl-imgħax legali b'seħħ mit-8 ta' Frar, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr